L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta’ Referenza ta’ l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta’ Daphne Caruana Galizia.

Seduta ppresjeduta mic-Chairman l-Imhallef Michael Mallia, l-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino, u l-Imhallef Abigail Lofaro.

Seduta miżmuma llum il-Gimgha 6 ta’ Diċembru, 2019 fid-9:00am fit-tieni sular, Awla 20, il-Qorti.

Meta ssejħet l-inkjesta dehru Dr. Joseph Zammit Maempel, Dr. Jason Azzopardi u Dr. Therese Comodini Cachia ghall-familja. Dehru wkoll Dr. Peter Caruana Galizia u Matthew Caruana Galizia.

Inqraw it-termini ta’ referenza ta’ inkjesta pubblika fil-qtil ta’ Daphne Caruana Galizia.

Xehed bil-gurament: Matthew Caruana Galizia (bil-lingwa Ingliza).

Dr. Therese Comodini Cachia titlob lill-Bord illi dan jottieni l-kopji tat-TAP3files illi hemm prezentati fl-atti tal-kawza li l-Ministru Chris Cardona kien fetah kontra Daphne Caruana Galizia quddiem il-Magistrat Francesco Depasquale. Il-files jistghu jkunu jew fl-atti jew fil-pussess tal-Magistrat. L-iskop ta’ dawn it-TAP3 files li jigu nkluzi fl-atti ta’ din l-inkjesta jew li almenu jkunu accessibbli ghall-membri tal-Bord huwa sabiex ighinu lill-Bord jinvestiga s-serjeta’ u l-gravita’ tar-riskju li l-istess gurnalista setghet kienet qieghdha fih peress illi tali TAP3 files jistghu jindikaw possibbilita’ ta’ motivi jew informazzjoni jew agir li terzi involuti kellhom fil-konfront taghha.

Il-Bord jirrizerva li jipprovdi dwar din it-talba fi stadju ulterjuri.

Xehed bil-gurament: Dr. Peter Caruana Galizia.

Il-Bord qed jigi differit ghal nhar it-Tlieta 10 ta' Dicembru 2019 fis-2.00 p.m. sabiex jixhdu l-genituri tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia Rose u Michael Vella u hutha, Corinne Vella, Amanda Mallia u Helene Asciak.

Rita Falzon
Bord tal-Inkjesta



6 ta'Diċembru, 2019